A.L. 195 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Information Technology in Education - Dip. I.T. Ed.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għad-Diploma in Information Technology - Dip. I.T. Ed.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"il-Bord ta' l-Istudji" jfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur għall-Kors;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Information Technology in Education - Dip. I.T. Ed.; u

"il-Kors" ifisser il-Kors għad-Diploma in Information Technology in Education - Dip. I.T. Ed.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1998 jew wara.

Eliġibbilita' għad-Diploma

3. Biex ikun eliġibbli għall-għoti tad-Diploma, l-istudent għandu:

(a) jkun irreġistrat bħala student regolari fil-Kors skond it-termini tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

(b) jtemm b'suċċess il-kors ta' l-istudji, jgħaddi mill-Eżami tat-Tieni Parti u jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'xi statuti, regolamenti u ordinamenti oħra rilevanti ta' l-Universita'.

Ir-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors u l-Għażla ta' l-Applikanti

4. (1) L-applikanti jistgħu jirreġistraw għall-Kors skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti, jekk huma:

(a) jkollhom kwalifika ta' għalliema rikonoxxuta mill-Bord;

(b) jkollhom minn ta' l-anqas sena esperjenza bħala għalliema; u

(ċ) qed jgħallmu fi skola rikonoxxuta.

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat in-numru ta' l-applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skond ir-riżorsi disponibbli. In-numru ta' postijiet disponibbli għandu jkun avżat meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Jekk ikun hemm aktar applikanti eliġibbli minn-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom ikunu magħzula wara intervista mill-Bord ta' l-Istudji. Il-Bord ta' l-Istudji għandu jqis dawn il-kriterji li għandhom jingħataw il-piż kif ġej:

(a) it-tagħrif professjonali u x-xeħta	20%
(b) it-tagħrif tat-Teknoloġija ta' l-Informatika	30%
(ċ) l-użu tat-Teknoloġija ta' l-Informatika fl-Edukazzjoni	30%
(d) il-personalita'	20%.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors jinfirex fuq sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*. F'ċirkostanzi speċjali l-Bord jista' jħalli student itemm il-Kors f'perijodu massimu ta' tlett snin.

(2) Il-Kors jinqasam f'żewġ partijiet, kull parti tinfirex fuq sena studju fuq bażi *part time*.

Il-Kors ta' l-Istudji

6. (1) Il-kors ta' l-istudji għandu jikkonsisti f':

(a) taqsimiet studju li għalihom total ta' erbgħa u għoxrin kredtu huma assenjati, fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

It-Tagħrif u l-Ħakma Bażika tat-Teknoloġija ta' l-Informatika
L-Użu Personali u Professjonali tat-Teknoloġija ta' l-Informatika
It-Tendenzi u l-Aspetti Teoretiċi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika fl-Edukazzjoni;

(b) Pjazzament Prattiku f'kull sena tal-Kors; u

(ċ) Esej Twil/Proġett.

(2) Qabel il-bidu tal-Kors, għandu jiġi ppubblikat katalogu ta' taqsimiet studju u tal-kredti assenjati għal kull taqsima studju.

L-Ewwel Parti tal-Kors

7. (1) L-Ewwel Parti tinfirex fuq l-ewwel sena tal-Kors.

(2) L-Ewwel Parti tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom total ta' tnax-il kredtu huwa assenjat u l-Pjazzament Prattiku ta' l-Ewwel Parti.

(3) It-taqsimiet studju jkunu offruti f'dawn l-oqsma ta' studju:

L-Għarfien u l-Ħakma Bażika tat-Teknoloġija ta' l-Informatika

L-Użu Personali u Professjonali tat-Teknoloġija ta' l-Informatika
It-Tendenzi u l-Aspetti Teoretiċi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika fl-Edukazzjoni.

It-Tieni Parti tal-Kors

8. (1) It-Tieni Parti tinfirex fuq it-tieni sena tal-Kors.

(2) It-Tieni Parti tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom total ta' tnax-il kredtu huwa assenjat, il-Pjazzament Prattiku tat-Tieni Parti, u l-Esej Twil/Proġett.

(3) It-taqsimiet studju jkunu offruti f'dawn l-oqsma ta' studju:

L-Għarfien u l-Ħakma Bażika tat-Teknoloġija ta' l-Informatika
L-Użu Personali u Professjonali tat-Teknoloġija ta' l-Informatika
It-Tendenzi u l-Aspetti Teoretiċi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika fl-Edukazzjoni.

(4) L-istudenti jitħallew jirreġistraw għat-Tieni Parti tal-Kors kemm-il darba jtemmu b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors.

(5) Il-Bord jista' jħalli applikanti oħra jirreġistraw għat-Tieni Parti tal-Kors jekk ikunu kisbu kwalifika ekwivalenti għall-Ewwel Parti tal-Kors minn din l-universita' jew minn xi universita' oħra, sakemm il-Bord xorta waħda jista' jitlob lil dawn l-applikanti jtemmu b'suċċess xi taqsimiet studju partikolari mill-Ewwel Parti u/jew il-Pjazzament Prattiku ta' l-Ewwel Parti.

Il-Valutazzjoni

9. (1) L-istudenti jitqiesu li jkunu ssodisfaw il-kriterji tal-valutazzjoni ta' l-Ewwel Parti tal-Kors jekk huma:

(a) jiksbu minimu ta' għaxar kredti;

(b) jgħaddu mill-Pjazzament Prattiku ta' l-Ewwel Parti; u

(ċ) jgħaddu mill-Eżami ta' l-Ewwel Parti.

(2) L-istudenti jitqiesu li jkunu ssodisfaw il-kriterji tal-valutazzjoni tat-Tieni Parti tal-Kors jekk huma:

(a) jiksbu minimu ta' għaxar kredti;

(b) jgħaddu mill-Pjazzament Prattiku tat-Tieni Parti;

(ċ) jtemmu b'suċċess l-Esej Twil/Proġett; u

(d) jgħaddu mill-Eżami tat-Tieni Parti.

(3) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' xi taqsima studju għandhom jitħallew jagħmlu riparatorju darba biss. Jekk jgħaddu, l-ogħla grad li jistgħu jiksbu huwa l-grad D.

(4) Il-kredti jkunu assenjati skond dawn il-gradi li jibdew mill-ogħla grad: A+, A, B+, B, C+, C, D+ u D. F tfisser li l-istudent ikun weħel filwaqt li I tfisser li xogħol l-istudent ikun inkomplet.

Il-Pjazzamenti Prattiċi ta' l-Ewwel u tat-Tieni Parti

10. (1) Il-Pjazzamenti Prattiċi ta' l-Ewwel u tat-Tieni Parti jinfirxu fuq sitt ġimgħat kull wieħed u għandhom kollha jsiru fl-iskola fejn jgħallmu l-istudenti.

(2) Il-Pjazzamenti Prattiċi ta' l-Ewwel u tat-Tieni Parti jiġu valutati fuq bażi ta' Għadda/Weħel.

(3) L-istudenti li jeħlu mill-Pjazzament Prattiku ta' l-Ewwel Parti jitħallew jirrepetuh darba biss fi żmien tnax-il xahar mill-aħħar jum ta' l-Eżami ta' l-Ewwel Parti.

(4) L-istudenti li jeħlu mill-Pjazzament Prattiku tat-Tieni Parti jitħallew jirrepetuh darba biss fi żmien tnax-il xahar mill-aħħar jum ta' l-Eżami tat-Tieni Parti.

L-Esej Twil/Proġett

11. (1) L-istudenti għandhom jippreżentaw Esej Twil ta' mhux anqas minn tmint elef kelma u mhux aktar minn għaxart elef kelma, jew Proġett meqjus ta' livell akkademiku ekwivalenti mill-Bord ta' l-Istudji, sa mhux aktar tard minn xahrejn wara l-aħħar jum ta' l-Eżami tat-Tieni Parti.

(2) It-tema ta' l-Esej Twil/Proġett għandha tkun sottomessa għall-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji sa mhux aktar tard minn xahar qabel l-ewwel jum ta' l-Eżami tat-Tieni Parti.

(3) L-istudenti li jeħlu fl-Esej Twil/Proġett għandhom jitħallew jerġgħu jissottomettuh darba biss fi żmien sitt xhur.

L-Eżamijiet ta' l-Ewwel u tat-Tieni Parti

12. (1) L-Eżami ta' l-Ewwel Parti għandu jikkonsisti f'żewġ karti msejsa fuq l-Ewwel Parti tal-Kors.

(2) L-Eżami tat-Tieni Parti tal-Kors għandu jikkonsisti f'żewġ karti sinottiċi msejsa fuq it-Tieni Parti tal-Kors.

(3) L-istudenti li jeħlu f'xi karta jew fiż-żewġ karti ta' l-Eżami ta' l-Ewwel jew tat-Tieni Parti għandhom jitħallew jagħmlu riparatorju fil-karta jew karti li weħlu fiha/fihom darba biss. L-ogħla grad li jista' jinkiseb wara din is-sessjoni riparatorja huwa l-grad D.

Ir-Riżultat Finali

13. (1) Ir-riżultat finali għandu jqis il-livell milħuq mill-istudenti fit-taqsimiet studju, fl-Esej Twil/Proġett u fl-Eżami tat-Tieni Parti.

(2) L-Eżami tat-Tieni Parti għandu l-piż ta' 30% għall-iggradar tar-riżultat finali. Is-70% l-oħra jkunu kkalkulati fuq il-medja tar-riżultati miksuba fl-erbgħa u għoxrin kredtu miksuba matul il-Kors.

(3) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma jkunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.